MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 353/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Massimo Vassallo (K.I. numru 572777M) u b`digriet tal-21 ta` Jannar 2015 gie kkonfermat Antoine Vassallo (ID 825847M) bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti konvenut Massimo Vassallo**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-<u>28 ta` April 2014</u> li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`zewg kuntratti, in atti n-Nutar Dottor Pierre Falzon, wiehed minnhom datat 21 ta` Dicembru 2007 (Dok. "A"), u l-iehor datat 28 ta` Ottubru 2008 (Dok. "B") is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Massimo Vassallo ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Massimo Vassallo fis-somma ta` tliet mija u disghin elf, mitejn u Ewro u hamsa u tletin centezmu (€390,201.35) bilanc ghad-debitu fil-"Loan, Current u Savings Accounts" ta` Massimo Vassallo mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4", Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E4", Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1" u Dok. "H1 sa H4") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta` Marzu 2014 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Massimo Vassallo –*

*(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti ;*

*(b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew ;*

*(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Massimo Vassallo li jipperikolaw jew jafettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmija debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*5. Illi l-konvenut Massimo Vassallo gie nterpellat permezz ta` ittra ufficjali datata 25 ta` April 2013 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "I", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa` inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m`ghandhiex Din il-Qorti tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qieghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha :*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Massimo Vassallo (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Massimo Vassallo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*2. Tikkundanna lil Massimo Vassallo jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` tliet mija u disghin elf, mitejn u Ewro u hamsa u tletin centezmu (€390,201.35) bilanc ghad-debitu fil-"Loan, Currents u Savings Accounts" ta` Massimo Vassallo mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4", Dok. "D1 sa D3",*

*Dok. "E1 sa E4", Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1" u Dok. "H1 sa H4") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta` Marzu 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta` April 2013 (Dok. "I")*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat l-elenku tal-persuni li l-bank attur indika bhala xhieda.

Rat illi filwaqt illi kien ghaddej il-process tan-notifika tal-konvenut skond l-Art 187(3) tal-Kap 12, Antoine Vassallo – li rrizulta li jigi missier il-konvenut (ara fol 87 u fol 127) – ipprezenta nota b`dokumenti fil-25 ta` Awwissu 2014 a fol 69.

Rat il-verbali tal-udjenzi tas-7 ta` Ottubru 2014 u tat-23 ta` Ottubru 2014.

Rat illi b`nota li pprezenta fil-21 ta` Jannar 2015 (fol 135) Antoine Vassallo accetta l-bandu biex jinhatar bhala kuratur deputat sabiex jirrappresenta lill-assenti Massimo Vassallo, accettazzjoni li kienet konfermata mill-Qorti fl-istess data (fol 136).

Rat illi l-kuratur deputat kien notifikat bl-atti tal-kawza fit-12 ta` Marzu 2015 (tergo ta` fol 141) u deher fl-udjenza tal-kawza tas-16 ta` Marzu 2015 (fol 142).

Rat illi ghalkemm il-kuratur deputat kien debitament notifikat skond il-ligi, naqas milli jipprezenta risposta guramentata u b`hekk baqa` kontumaci.

Semghet ix-xiehda ta` Rose Cortis – rappresentant tal-bank attur – fis-seduta tas-27 ta` April 2015.

Rat id-digriet li tat fis-seduta tas-27 ta` April 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghal-lum.

Billi ma ngieb l-ebda ostakolu lill-Qorti sabiex taghti s-sentenza llum.

Qieset b`reqqa l-atti kollha tal-kawza, in partikolari d-dokumenti esebiti mill-bank attur sabiex isostnu t-talbiet.

**Billi l-provi attrici mhux biss mhumiex kontradetti, izda t-talbiet tal-bank attur jirrizultaw ippruvati b`mod sodisfacjenti u kif trid il-ligi, il-Qorti, fil-kontumacja tal-kuratur deputat li kien mahtur sabiex jirrappresenta lill-konvenut assenti Massimo Vassallo, qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza, billi qeghda tilqa` t-talbiet tal-bank attur, kif dedotti fir-rikors guramentat, bl-imghax kif mitlub, u bl-ispejjez kontra l-assenti konvenut, rappresentat ghall-fini ta` din il-kawza mill-kuratur deputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------